**Kemm int ħelu!**

Kont għadni ħiereġ mill-quddiesa
Qbatt it-triq li twassalni l-kunvent,
Kont ferħan, qaddist fil-parroċċa
Tar-Reġina li żżommok kuntent.

Kif għaddejt minn ħdejt il-flettijiet
Rajt żiemel ħelu, Alla jbierku,
Imdawwar minn tlett irġiel ħutna
X'żiemel fih! Mhux bilfors inbierku!

Hekk kif rani liebes iċ-ċoqqa
Donnu beda jiċċaqlaq xi ftit,
U l-Imgħallem urieni f'daqqa
Li daż-żiemel mħabba jrid!

Staqsejt il-kbira mistoqsija
Minn liema pajjiż daż-żiemel ġie,
Biex inkun nista' nkellmu waħda
Bħalma jagħmlu lil xulxin il-ħbieb.

X'ħin sirt naf li kien ġej minn Franza
l-art li mexxa l-magħruf Napuljun,
Intbaħt x'żiemel kelli quddiemi
Moħħi qalli li kien kampjun.

Għalhekk ersaqt lejh b'ħafna kalma
U bdejt inkellmu għala Fran għala fransè,
U ż-żiemel bħal donnu immansa
Stħajjiltu qed jiekol is-sufflè.

Waqt li kont qed nitkellem miegħu
Beda jħarisli dritt f'għajnejja,
U daqs kemm urieni imħabba
Stħajjiltu se jaqbadli jdejja.

Bqajt inkellmu u nfaħħru ħafna
Marruli kollha l-brejkijiet,
Quddiem żiemel mimli b'tant ħlewwa
Kif fuqu ma xxerridx imħabbiet?

Mela wara li temmejt kliemi
Faqqajtlu bewsa fuq imnieħru,
Tgħannaqt miegħu rasu u rasi
Bħal żewġ namrati qabel jsiefru.

Għajnejja fih u tiegħu f'tiegħi
Rajtu mfarraġ sabiħ u rżin,

Għax irċieva bil-wisq l-imħabba
Stħajjiltu tifel ta' ħames snin.

U qabel ħallejtu sprenjajtlu
Naqra ilma mbierek minn ta' Lourdes,
B'hekk fil-korsa w anki fl-istalla
Jgħix ferħan w qatt imnikket assurd.

Għażiż ħija, żiemel minn tagħna
Ftakar li int qawwi, m'għadekx felu,
Sisti, aħdem, strieħ, ftakar x'qallek
Il-Patri l-boċċu: "Kemm int ħelu!"

Patri Mario Attard OFM Cap
5 t'Ottubru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.